

**Emenda 4**

**Marina Mesure, Leila Chaibi, Manon Aubry, Younous Omarjee**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****A9-0151/2024****Nicolás González Casares**

Id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni: Direttiva  
(COM(2023)0148 – C9-0038/2024 – 2023/0077B(COD))

**Proposta għal direttiva****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)**

Direttiva (UE) 2019/944

Artikolu 31b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

*(7a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

*“Artikolu 31b*

*Fornitur uniku nazzjonali tal-elettriku*

1. *L-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-operatur tas-sistema nazzjonali ta’ distribuzzjoni jew ta’ trażmissjoni l-kompiju li jkun l-uniku fornitur tal-elettriku għall-konsumaturi finali kollha fit-territorju ta’ dak l-Istat Membru.*

2. *Jekk operatur tas-sistema ta’ trażmissjoni jwettaq il-kompiju li jkun l-uniku fornitur tal-elettriku li jopera f’dan l-Istat Membru, huwa għandu jistabbilixxi prezz tal-elettriku mħallas mill-konsumaturi finali bbażat fuq il-kost medju nett tal-elettriku prodott fl-Istat Membru, amortizzament ta’ investimenti ġodda fil-ġenerazzjoni u l-hżejjin tal-elettriku, il-kost nett tal-importazzjoni tal-elettriku, it-taxxi applikabbi u l-aċċess għall-grilja.*

3. *Il-prezz stabbilit mill-operatur tas-sistema ta’ trażmissjoni jew ta’ distribuzzjoni li jaġixxi bħala fornitur nazzjonali tal-elettriku skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 għandu jkun mingħajr preġudizzju għat-tariffa stabbilita mill-operatur tas-sistema ta’ trażmissjoni f’konformità mal-Artikolu*

*18 biex iwettaq l-investiment kollu  
meħtieġ fuq il-grilja u l-kapaċitajiet tal-  
ħżin tal-elettriku.*

*4. Il-prezz ugwalizzat stabbilit skont  
il-paragrafu 2 għandu jkun mingħajr  
preġudizzju għal skema speċjali ta'  
pprezzar applikabbli għal unitajiet  
domestiċi foqra fl-enerġija u impriżi  
intensivi fl-enerġija.*

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32019L0944)*

**Emenda 5**

**Marina Mesure, Leila Chaibi, Manon Aubry, Younous Omarjee**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**Nicolás González Casares**

Id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni: Direttiva  
(COM(2023)0148 – C9-0038/2024 – 2023/0077B(COD))

**A9-0151/2024**

**Proposta għal direttiva****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva (UE) 2019/944

Artikolu 28a

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *l-klijenti vulnerabbli jkunu protetti mill-iskonnessjonijiet tal-elettriku. Dan għandu jiġi pprovdut bħala parti mill-kunċett ta’ klijenti vulnerabbli skont l-Artikolu 28(1) ta’ din id-Direttiva u mingħajr preġudizzju għall-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 10(11).*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *l-iskonnessjonijiet tal-elettriku tal-SMEs, tal-organizzazzjonijiet tal-karitā u tal-unitajiet domestiċi jkunu pprojbiti.*

*L-enerġija pprovduta lill-unitajiet domestiċi qatt ma għandha tkun taħt mill-inqas 9 kVA, jew kapaċità ta’ enerġija superjuri jekk 9 kVA ma tkunx biżżejjed biex tiżgura l-ħtiġijiet bażiċi u d-dinjià tal-bnedmin, bħat-tisħin tal-ilma, it-tisħin, it-tkessiħ, u t-tisjir, u aċċess għal teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fl-istess ħin*

*Is-setgħa mogħtija lill-SMEs ma għandhiex tfixkel lill-kumpanija milli twettaq l-attività tagħha.*

Or. en

**Emenda 6**

**Marina Mesure, Leila Chaibi, Manon Aubry, Younous Omarjee**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****A9-0151/2024****Nicolás González Casares**

Id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni: Direttiva  
(COM(2023)0148 – C9-0038/2024 – 2023/0077B(COD))

**Proposta għal direttiva****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)**

Direttiva (UE) 2019/944

Artikolu 66b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni**Emenda**(10a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:**“Artikolu 66b**Valutazzjoni tal-impatt tal-liberalizzazzjoni tas-settur tal-enerġija*

*Sa ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendat dwar id-Disinn tas-Suq tal-Elettriku], il-Kummissjoni għandha tippubblika studju dettaljat li janalizza l-effetti fuq il-prezz imħallas mill-konsumaturi finali, l-iżvilupp tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u l-kwalità tas-servizz mogħti lill-konsumaturi finali f'kull Stat Membru, u tqabblu mal-livell tal-prezz u l-kwalità tas-servizzi qabel il-liberalizzazzjoni msemmija tas-settur tal-enerġija.*

*Il-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod espliċitu, kemm għall-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-Unjoni, jekk monopolju pubbliku fuq il-produzzjoni, flimkien u apparti mill-provvista, tal-elettriku jilħaqx aħjar l-objettivi msemmija hawn fuq fl-użu tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, it-tnejjix fil-prezz u l-kwalità tas-servizz mogħti.”*

Or. en

(<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02019R0943-20220623>)

**Emenda 7**

**Marina Mesure, Leila Chaibi, Manon Aubry, Younous Omarjee**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****A9-0151/2024****Nicolás González Casares**

Id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni: Direttiva  
(COM(2023)0148 – C9-0038/2024 – 2023/0077B(COD))

**Proposta għal direttiva****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10b (ġdid)**

Direttiva (UE) 2019/944

Artikolu 66c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni**Emenda**(10b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:**“Artikolu 66c*

*Aċċess għal prezzi jiet tal-elettriku affordabbli u stabbli permezz ta’ prezzi jiet regolati għall-konsumaturi finali.*

1. *Prezz bl-imnut regolat tal-elettriku jista’ jiġi stabbilit mill-Istati Membri u jaapplika għall-konsum kollu tal-elettriku tal-konsumaturi finali kollha li jixtiequ jagħżlu tali offerta, inklużi unitajiet domestiċi, impriżzi, organizzazzjoni tal-karitā u awtoritatjiet pubbliċi.*

2. *Il-konsumaturi finali kollha tal-elettriku huma eliġibbli għal dan il-prezz regolat jekk jixtiequ li ma jagħżlux offerta bbażata fuq is-suq.*

3. *Il-prezz bl-imnut regolat għandu jikkorrispondi mal-prezz nazzjonali medju tal-elettriku, inkluż il-kost tal-importazzjonijiet tal-elettriku, it-taxxi applikabbli u l-aċċess għan-network. Ir-regolaturi nazzjonali tal-enerġija għandhom jikkalkulaw dan il-prezz kull sitt xħur.*

4. *L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu prezz regolat tal-elettriku taħt il-prezz stabbilit skont il-paragrafu 3*

*meta tali prezz ikun żdied bi 15 % fuq is-sena ta' qabel.*

*5. Il-konsumaturi finali li jixtiequ jibdlu l-fornitur tagħhom biex jużaw tali prezz bl-imnun regolat ma għandhomx ikunu soġġetti għal mīżata mill-fornitur attwali tagħhom.*

Or. en

(<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32019L0944>)